# MILL-MEWT GĦALL-ĦAJJA!

Nifsu maqtugħ, jirtogħ'd imbikki u kiebi;
is-saħħa ntiret, minn qalbu l-faraġ tar;
miexi qajl-qajl, u fuq għasluġ imwieżen;
iż-żmien irossu u qalbu tfur bl-imrar...

Jilgħeġ... għajjien... il-mewt diġa fuq wiċċu
resqet biex tiġbru u ddaħħlu fil-mistrieħ
ġol-marqad tad degħbien taż-żmien ta' dejjem,
u jeħles minn kull għajb li jinsab fih...

U malli tasal ħdejh ma tgħaddix dqiqa...
taqtagħlu n-nifs—twassallu t-tmiem tal-ħajja
u b'kelma sħiħa u rieda iżjed qawwija
bla ma tmur 'l haw jew 'l hinn... bla ma titlajja,

iddaħħlu f'ħajja kollha kemm hi ġdida!...
u ma jeqafx għall-ħaqq quddiem ix-xej
biex jagħti kont t'għamilu!! għax jissaffa
fl-għarbiel irqiq—fid-delu tal-Mulej!!!

U jekk tkun ħajtu taqbel ma min qal:—
"*Arfa' salibek ta' kull jum warajja*"
imbierek hu! Għax dak in-nhar isir
*sultan* fis-sebħ tad-dwiem! *mill-Mewt għall-Ħajja.*

R. M. B.